MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1100/2005

**Stripe Productions Co Ltd**
**C 31999**

**Vs**

**Claire Chetcuti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Mejju, 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija sitta u tletin lira, tnejn u tletin centezmu (Lm736.32) rapprezentanti spots ta` reklamar in konnessjoni mal-programm televisiv "It-Tieg" u dana ai termini ta` kuntratt iffirmat bejn il-partijiet datat 15 ta` Settembru, 2004 fejn liema hlas kellu jsir permezz ta` erba` cheques.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` ittra legali datata 15 ta` Marzu, 2005 kif ukoll ta` mandat ta` sekwestru prezentat

kontestwalment ma` dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-precitata skrittura kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 30 ta` Mejju, 2005 fejn ikkontestat it-talbiet attrici b'mod generiku u inoltre li hija kienet inhallet mill-effetti ta` tali skrittura kif komunikata lis-socjeta` attrici permezz ta` ittra legali datata 8 ta` April, 2005 u kwindi l-istess socjeta` attrici ma kellha ebda jedd tissokta bit-termini tal-istess ftehim. Barra minn hekk l-istess socjeta` attrici ma pprestatx is-servizzi stipulati fl-istess ftehim u kwindi ma tistax tippretendi li ghandha tithallas taghhom. B'riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Innota li ghalkemm il-partijiet talbu u nghataw il-fakolta` li jipprezentaw nota ta` l-osservazzjonijiet, dawn baqghu ma sarux.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in kwistjoni jikkoncerna hin ta` reklamar li l-konvenut kienet xtrat minghand is-socjeta` attrici fuq programm partikolari televiziv u dana skond u ai termini ta` kuntratt datat 15 ta` Settembru, 2004 esebit u mmarkat Dok CP1. Il-hlas kellu jsir tramite post dated cheques ma` l-iffirmar tal-iskrittura pero` dan baqa` ma sarx mill-konvenuta. Originarjament ir-reklami kellhom jidhru minn Jannar sa Marzu pero` fuq talba tal-istess konvenuta dawn gew posposti ghax-xhur ta` bejn April sa Gunju. Meta beda joqrob iz-zmien biex jidhru r-reklami u l-pagament baqa` ma sarx, il-konvenuta giet avvicinata biex thallas pero` din wiegbet li ma xtaqitx li jidhru dawn ir-reklami u allegat li hija nhallet mill-istess in forza ta` ittra mibghuta mill-konsulent legali taghha datata 8 ta` April, 2005. Ir-reklami xorta wahda pero` gew imxandra skond l-istess skrittura privata. Dan kollu jinsab ikkonfermat anke mill-istess konvenuta. Il-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar il-kwistjoni jekk il-konvenuta setghetx o meno tinhall b'mod

unilaterali mill-imsemmi kuntratt kienux o meno gustifikati r-ragunijiet li hija tat fix-xhieda taghha.

Illi ma hemmx dubbju li l-kuntratt in kwistjoni huwa wiehed ta` natura bilaterali koncernanti ix-xiri ta` spazju televiziv ghal skopijiet ta` reklamar versu prezz determinat li suppost li kellu jithallas ma` l-iffirmar ta` l-istess. Illi jekk xi parti minn dak il-kuntratt kellu xi ilment dwar l-istess u xtaq jittermina dawk l-obbligi gia` assunti, huwa kellu jaghmel hekk billi jipprocedi b'mezzi legali ghall-eventwali rexxissjoni ta` l-istess u mhux semplicement jippretendi ix-xoljiment ta` l-istess tramite ittra legali.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta kwindi jilqa` it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` seba` mija u sitta u tletin lira, tnejn u tletin centezmu (Lm736.32) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-iskrittura privata 15 ta` Settembru, 2004 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------